# Insellmu lil...

## Anton Cassar (1924-2014)



Nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2014 tħabbret il-mewt ta' Anton Cassar, ġurnalista veteran magħruf sewwa f'pajjiżna, l-aktar minħabba d-diversi snin ta' servizz lil ta bħala editur u kontributur ta' diversi ġurnali u gazzetti Maltin.

Imwieled il-Marsa fl-1924, Cassar studja fis-Seminarju ta' Għawdex, liema żmien fil-gżira tagħna wassal biex litteralment għamilha t-tieni dar tiegħu. Anton kien jiftaħar bl-imħabba tiegħu lejn Għawdex. Kull min jafu, jista' jixhed li din l-imħabba wasslitu wkoll biex isir iħobb lil San Ġorġ, għax it-tielet ġimgħa ta' Lulju kienet għal Cassar appuntament li ma kienx jitlef kif ġieb u laħaq. Ma kienx jitlef okkażjoni biex jikteb artiklu dwar il-Festa ta' San Ġorġ fil-paġna ddedikata lil Għawdex jew f'xi parti oħra tal-gazzetta *L-Orizzont* jew *It-Torċa*; Cassar kien editur tat-tnejn li huma. Fl-1996 ingħata l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika. Aktar tard ingħata wkoll *gold award* għas-sehem tiegħu fil-ġurnaliżmu.

Wieħed mill-ħbieb kbar tiegħu fir-Rabat ta' Għawdex huwa Ġużeppi Formosa ta' Triq Karità, iben il-mibki bandista tas-Soċjetà *La Stella* Michelangelo Formosa, li stqarr magħna kemm Cassar kien iddispjaċieh li minħabba l-età tiegħu ma kienx għadu possibbli li jiġi għall-Festa ta' kull sena kif kien dejjem jagħmel fl-imgħoddi.

Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem!



**DVDs tal-Festi Speċjali ta' April u Mejju 2014**

**Mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ**

**Kopja tiswa €10**
**u t-tnejn flimkien €18**